# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 13 ta' Lulju 2018**

**Numru 7**
**Rikors kostituzzjonali numru 86/2016 SM**

**Charles Steven Muscat**

***v.***

**Avukat Ġenerali**

1. Dan huwa appell tal-attur Charles Steven Muscat minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali fid-29 ta' Novembru 2017 li ċaħdet talba tiegħu għal dikjarazzjoni li nkisru l-jeddijiet tiegħu taħt l-artt. 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-artt. 5, 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali meta ma tħalliex li jkollu għajnuna ta' avukat meta tteħditlu stqarrija waqt li kien qiegħed jiġi investigat fuq suspett li wettaq reat. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-attur kien arrestat fuq suspett ta' traffikar ta' droga u tteħditlu stqarrija mingħajr ma tħalla jkollu għajnuna ta' avukat billi l-liġi dak iż-żmien ma kinitx tagħti dak id-dritt. Meta mbagħad tressaq il-qorti u nħareġ att ta' akkuża l-istqarrija ddaħħlet fl-inkartament u għalhekk setgħet tintuża kontra tiegħu.

3. Billi deherlu li dan kien bi ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6(1) u (3) tal-Konvenzjoni l-attur fetaħ proċeduri kostituzzjonali[1] biex jitlob rimedju iżda t-talba tiegħu ġiet miċħuda b'sentenza mogħtija minn din il-qorti fit-8 t'Ottubru 2012.

4. L-attur imbagħad fetaħ proċeduri quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li, iżda, fl-20 ta' Ottubru 2015 neħħiet il-kawża minn fuq il-lista tagħha billi dehrilha li l-attur kien tilef l-interess fil-proċeduri. Issa l-attur reġa' fetaħ din il-kawża tallum u qiegħed jitlob illi l-qorti:

> »tiddikjara li *nonostante* s-sentenza Mario Borg *v.* Malta[2] r-rikorrenti għadu ma ngħatax rimedju effettiv mill-qrati nazzjonali, u l-fatt li ma teżisti l-ebda proċedura fil-liġi Maltija li jista' juża biex jitlob rimedju wara l-imsemmija sentenza tal-qorti ta' Strasburgu u/jew jitlob ritrattazzjoni tal-proċeduri kriminali, *stante* li ġew lilu leżi l-artikli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikli 5, 6 u 13 tal-Konvenzjoni;
>
> »taghti dawk ir-rimedji effettivi u xierqa.«

5. L-ewwel qorti ċaħdet it-talba tal-attur għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »Illi l-kawża in diżamina tippernja fuq tliet (3) kapi li ser jiġu indirizzati konsekuttivament, senjament:
>
> »1. l-eċċezzjoni tar-*res judicata*;
>
> »2. il-lanjanzi taħt l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikli 5 u 6 tal-Konvenzjoni;

[1] Rik. 75/2010.

[2] Q.E.D.B. 12 ta' Jannar 2016, rik. 37537/2013.

»3. l-allegata vjolazzjoni tal-artiklu 13 tal-Konvenzjoni.

»Ikkunsidrat:

»A. *Res Judicata*:

»Illi fir-rigward ta' dan il-kap jingħad sintetikament is-segwenti:

»Illi r-rikorrenti kien ġà introduċa proċedura ta' natura kostituzzjonali (rikors numru 75/2010) rigwardanti l-allegat ksur ta' smigħ xieraq talli ma tħalliex ikollu l-għajnuna ta' avukat waqt li kien qed jiġi interrogat mill-pulizija dwar suspett li għamel reat u tteħditlu stqarrija bi ksur tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni, liema kawża kienet deċiża fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-10 t'Ottubru 2011;

»Illi wara appell mill-istess proċedura, din ġiet deċiża b'mod finali mill-Qorti Kostituzzjonali b'sentenza datata t-8 t'Ottubru 2012;

»Illi f'din il-proċedura r-rikorrenti kien ippremetta li l-intimat kien ħareġ att t'akkuża, dak numru 47/2010, b'żewġ (2) kapi t'akkuża konċernanti t-traffikar ta' kokaina u eroina;

»Illi fil-proċedura involuta l-Pulizija Eżekuttiva esebiet stqarrija libera-ment rilaxxata mir-rikorrenti meħuda fis-7 t'Awissu 2002 u ppreżentata fl-atti tal-proċedura kriminali;

»Illi fil-kawża kostituzzjonali fuq indikata r-rikorrenti kien ilmenta (bħal mhu qed jagħmel fil-proċedura odjerna) li meta irrilaxxa l-imsemmija stqarrija hu kien ipprojbit milli jikkommunika u jikkonsulta mad-difensur ta' fiduċja tiegħu;

»Illi fiż-żmien in kwistjoni l-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi li l-interrogat ikollu tali assistenza;

»Illi għalhekk fl-imsemmija kawża minnu intrapriża r-rikorrenti sostna li ġew leżi lilu d-drittijiet fundamentali tiegħu kif kontemplati fl-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikli 6(1) u 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni;

»Illi permezz ta' sentenza datata l-10 t'Ottubru 2011, il-qorti in prima istanza kienet laqgħet it-talbiet tar-rikorrenti;

»Illi b'rikors datat il-25 t'Ottubru 2011 l-Avukat Generali appella mill-istess sentenza;

»Illi l-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet l-appell *de quo* fis-sentenza tagħha datata t-8 t'Ottubru 2012, u ikkonkludiet li in effetti ma kien hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;

»Illi sussegwentement ir-rikorrenti intavola proċedura appożita fil-qorti ta' Strasburgu;

»Illi l-istess qorti indikata fil-paragrafu preċedenti ddeċidiet l-istess każ billi ikkonsidrat li r-rikorrenti ma kellux aktar ix-xewqa li jkompli jippro-mwovi l-applikazzjoni tiegħu quddiemha u sabet ukoll li ma kien hemm l-ebda ċirkostanzi speċjali fir-rigward tad-drittijiet fundamentali li kienu jimmeritaw l-eżami ulterjuri tal-istess proċedura u konsegwentement, ikkanċellat il-kawża in kwistjoni mill-lista tal-kawżi ippreżentati quddiemha;

»… … …

»Illi … … … biex tiġi deċiża l-eċċezzjoni tal-ġudikat sottomessa mill-intimat hu meħtieġ li jsir l-eżami biex jiġi determinat jekk jissussistux it-

tliet (3) elementi … … … tal-*eadem res*, l-*eædem personæ*, u l-*eadem causa pentendi*;

»… … …

»Illi jiġi sottolineat li permezz tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fir-rigward, datata t-8 t'Ottubru 2012, kien ġie konklussivament deċiż li fl-atti hemm eżaminati, li huma identiċi għal dawk tal-lum, ma kien hemm l-ebda ksur ta' drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;

»Illi wara l-istess rikorrenti kien ipproċeda bl-istess lanjanza quddiem il-qorti ta' Strasburgu, liema kawża kienet eventwalment kanċellata mill-lista tal-istess qorti;

»Illi eżami tal-lanjanzi promossi fil-proċeduri fuq indikati u dawk odjerni mertu tal-proċedura odjerna jittradixxu identità tal-oġġett u konsegwentement għandu jirriżulta paċifiku li t-talbiet proposti mir-rikorrenti fil-proċedura odjerna ġà ġew deċiżi b'mod konklussiv fil-proċeduri fuq indikati;

»Illi *in vista* tal-premess għandu għalhekk ikun paċifiku li, meta din il-proċedura tiġi paragunata mal-proċeduri preċedenti fuq riferiti, l-element tal-*eadem res* jirriżulta li jissussisti;

»Ikkunsidrat:

»Illi fir-rigward tal-element tal-*eædem personæ* … …… jirriżulta paċifiku li r-rikorrenti odjern jirriżulta hu l-istess wieħed li intavola il-proċedura fuq riferita fil-kawża rikors numru 75/2010, li waslet saħansitra sal-qorti ta' Strasburgu;

»Illi konsegwentement l-element tal-*eædem personæ* jirriżulta li hu wkoll sodisfatt;

»Ikkunsidrat:

»Illi fir-rigward tal-element tal-*eadem causa petendi … … …* l-element in diżamina jirrikjedi li *"the cause of the claim"* kontenuta fit-talba ġdida trid tkun l-istess bħat-talba inkluża fil-kawża preċedenti li kienet ġà ġiet deċiża u għaddiet in ġudikat;

»… … …

»Illi għandu jirriżulta paċifiku li dak li ntalab fil-kawża hawn in diżamina kien ġà ġie effettivament deċiż fil-proċeduri l-oħra fuq indikati intavolati mill-istess rikorrenti;

»Illi konsegwentement, l-element tal-*causa petendi* jirriżulta li hu wkoll sodisfatt;

»Ikkunsidrat:

»B. Detenzjoni u Smigħ Xieraq:

»Illi *in vista* tal-premess allura jirriżulta sintetikament is-segwenti:

»Illi fil-proċedura identifikata bir-rikors numru 75/2010, deċiza *in prima istanza* fl-10 t'Ottubru 2011 u wkoll in appell fit-8 t'Ottubru 2012 u mill-qorti ta' Strasburgu fl-20 t'Ottubru 2015, kien ġie allegat vjolazzjoni tal-artikli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikli 5 u 6 tal-Konvenzjoni;

»Illi fil-proċedura odjerna qed jiġi allegat vjolazzjoni tal-istess artikli fuq ċitati fil-paragrafu preċedenti;

»Illi fir-rigward tal-artiklu 34 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 5 tal-Konvenzjoni jingħad li dawn jiggarantixxu protezzjoni mill-arrest jew detenzjoni arbitrarja;

»Illi minn eżami tal-atti ma jirrizultax li r-rikorrenti jinsab f'detenzjoni u fil-fatt ma jirriżultax li hu priv mil-libertà pendenti s-smigħ tal-ġûri li qiegħed jistema';

»Illi konsegwentement, *in vista* tal-premess, ma jirriżultax li r-rikorrenti jirriżulta li hu taħt arrest jew detenzjoni arbitrarja;

»Ikkunsidrat:

Ċ. L-Allegata Vjolazzjoni tal-artiklu 13 tal-Konvenzjoni:

»Illi f'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet <u>Rosalie Darmanin *v.* Il-Prim Ministru *et*</u>, datata l-20 t'Ottubru 2015, li ssosstni s-segwenti:

> »"Illi bħalma jgħodd fil-każ tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, hekk ukoll fil-każ tal-artikolu 13 huwa aċċettat li *"Article 13 cannot be invoked independently from, but only in conjunction with, one or more of the substantive rights and freedoms of the Convention"* Van Dijk, Van Hoof, Van Riju, Zwaak, *Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*" (*14th Edition, 2006*), § 32.2.1, p. 998); Minħabba f'hekk, dak l-artikolu huwa meqjus bħala wiehed ta' sura anċillari. Ir-rimedju effettiv irid ikun disponibbli fil-qafas tal-ordinament tal-istat li fih ikun seħħ il-ksur ta' jedd sostantiv tal-Konvenzjoni. … … …;"

»Illi minn eżami tar-riżultanzi *in atti* ma jirriżulta li sar l-ebda vjolazzjoni ta' dritt sostantiv fil-konfront tar-rikorrenti kif minnu allegat;

»Illi għalhekk, *stante* li l-artiklu 13 tal-Konvenzjoni ma jistax jiġi invokat independentement minn kwalunkwe dritt sostantiv ieħor, din il-lanjanza tar-rikorrenti ma tistax issib l-avall ta' din il-qorti;

»Ikkunsidrat:

»Illi *in vista* tal-premess din il-qorti ma tqisx li r-rikorrenti ipprova t-talbiet tiegħu skont il-ligi, u konsegwentement tirrespinġi t-talbiet kollha tar-rikorrenti; takkolji r-risposti tal-intimat; bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.«

6. L-attur appella b'rikors tad-19 ta' Diċembru 2017 li għalih l-Avukat Ġenerali wieġeb fit-28 ta' Diċembru 2017. L-aggravju tal-attur jolqot id-deċiżjoni tal-ewwel qorti li tilqa' l-eċċezzjoni ta' *res iudicata* safejn tolqot it-talba għal dikjarazzjoni ta' ksur tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni, u ġie mfisser hekk:

»… … … kjarament il-mertu tal-proċeduri odjerni u l-mertu tal-proċeduri preċedenti m'huwiex l-istess b'tali mod illi l-mertu ta' dawn il-proċeduri la tqajjem u lanqas seta' jitqajjem fil-proċeduri preċedenti għaliex il-permessi [*reċte*, premessi] li jifformaw il-bazi tat-talbiet rikorrenti huma għal kollox differenti.

»… … …

»… … … fil-proċeduri preċedenti l-esponent kien qiegħed jitlob ksur [*sic*] tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni minħabba l-fatt illi n-nuqqas ta' assistenza legali waqt l-interrogazzjoni jilledi d-dritt tiegħu ta' smigħ xieraq. L-esponent talab dikjarazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq u senjatament l-artikolu 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, fost talbiet oħra, u konsegwentement talab lil din il-qorti takkordalu rimedju xieraq inkluż is-smigħ tal-kawża mill-ġdid.

»Illi huwa ma ngħatax ir-rimedju mitlub għaliex din il-qorti u l-Qorti Kostituzzjonali warajha ma dehrilhomx illi tali nuqqas ta' assistenza legali jilledi d-dritt tiegħu kif pretiz.

»Illi dik is-sentenza però ġiet sorpassata peress illi, wara s-sentenza tal-esponenti stess, quddiem il-Qorti Kostituzzjonali l-interpretazzjoni fuq l-istess kawżali min-naħa tal-Qorti Kostituzzjonali nbidel kompletament u dan anke *in vista* tas-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet Mario Borg *v.* Malta. Għalhekk issa wieħed ma jistax ikompli jsostni l-argument illi hemm ġudikat (is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali) kif qed isostni l-Avukat Ġenerali. Għalkemm il-proċeduri quddiem il-qorti ta' Strasburgu ma jistgħux jitqiesu bħala appell mill-Qorti Kostituzzjonali però meta l-Qorti Ewropea ma taqbilx ma' sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali hija dik is-sentenza tal-Qorti Ewropea li tikkostitwixxi ġudikat fuq dik il-materja tant illi fl-artikolu 6 tal-Kap. 319 hemm proċeduri fejn sentenza tal-Qorti Ewropea tiġi esegwita proprju mill-Qorti Kostituzzjonali lokali.«

7. L-attur appellant imbagħad ikompli b'argumenti "fuq il-mertu", b'referenza wkoll għal sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Qorti Kostituzzjonali, li bihom ifisser għala fil-fehma tiegħu ġarrab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u għala s-sentenza ta' din il-qorti tat-8 ta' Ottubru 2012 kienet ħażina.

8. Effettivament, dak li qiegħed jgħid l-attur appellant ma huwiex illi ma hemmx *res iudicata* fuq it-talba tiegħu għal dikjarazzoni li, bil-fatt li ma tħalliex ikellem avukat qabel ma tteħditlu stqarrija, inkisirlu l-jedd għal smigħ xieraq, iżda illi dik ir-*res iudicata* għandha titħassar għax kien hemm bdil fil-ġurisprudenza.

9. Bla ma tidħol fil-kwistjoni jekk il-bdil fil-ġurisprudenza jolqotx ukoll ir-raġunament li wassal biex bis-sentenza ta' din il-qorti tat-8 ta' Ottubru

2012 ġew miċħuda t-talbiet tal-attur, din il-qorti tosserva illi, kif sewwa qalet l-ewwel qorti, dak li hu meħtieġ biex tintlaqa' eċċezzjoni ta' *res iudicata* huwa li jkun hemm *eadem res*, *eædem personæ* u *eadem causa petendi*. L-eċċezzjoni għalhekk ma tintlaqax jekk ikun hemm bdil fil-ħaġa li tkun il-meritu tal-kawża, fil-persuni li jkunu parti fil-kawża u fir-raġuni għat-talba. Bdil fil-ġurisprudenza ma hijiex raġuni għala l-eċċezzjoni ma tintlaqax; ma jistgħux jerġgħu jinfetħu kawżi li ilhom magħluqa għax ikun hemm bdil fil-ġurisprudenza.

10. Fil-każ tallum il-meritu tal-kawża – il-jedd tal-attur għal smigħ xieraq billi jkollu l-għanjuna ta' avukat ukoll qabel ma jkun interrogat u titteħidlu stqarrija – huwa l-istess bħal dak fil-kawża deċiża bis-sentenza ta' din il-qorti tat-8 ta' Ottubru 2012. Il-partijiet fil-kawża tallum ukoll huma l-istess bħal fil-kawża l-oħra, u l-*causa petendi* – iċ-ċaħda tal-jedd għal għajnuna ta' avukat – ukoll hija l-istess. L-ewwel qorti għalhekk għamlet sew illi laqgħet l-eċċezzjoni ta' *res iudicata*.

11. Jekk lill-attur deherlu li l-kawża maqtugħa bis-sentenza tat-8 ta' Ottubru 2012 inqatgħet ħażin, ir-rimedju ma kellux ikun li jerġa' jiftaħ l-istess kawża bl-istess meritu quddiem l-istess qrati iżda li jinqeda bid-dritt li tagħtih il-liġi li jressaq il-każ quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Fil-fatt hekk għamel iżda l-każ tiegħu ġie mwarrab mill-Qorti Ewropea għax lil dik il-qorti dehrilha li ma kienx qiegħed juri biżżejjed interess u jmexxi l-każ b'għaqal. Issa li dak il-bieb ingħalaqlu qiegħed ifittex li jerġa' jiftħu billi jerġa' jipproponi l-istess kawża quddiem il-qrati domestiċi. Dan iżda huwa abbuż tal-proċess ġudizz-

jarju li l-eċċezzjoni ta' *res iudicata* hija maħsuba appuntu biex tilqa' għalih.

12. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad kif ukoll tal-appell, iħallas-hom l-attur appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb